# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 26**

**Ċitazzjoni numru 727/1998 GC**

**Ultraservices Limited**

**v.**

**Joseph Bezzina & Co. Limited; u b'digriet tat-3 ta' Frar 1999 is-soċjeta` "C Fino & Sons Limited" ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża "in statu et terminis"**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi u appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li ikkundannat lill-konvenuta tħallas disgħa u erbgħin elf, disa' mija u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€49,990.97) – daqs wieħed u għoxrin elf, erba' mija u ħamsa u ħamsin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm21,455.35) – bilanċ tal-prezz ta' appalt, meta t-talba kienet

għal sebgħin elf u ħames euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€70,005.47) – daqs tletin elf u tlieta u ħamsin lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm30,053.35) – u ċaħdet kontro-talba tal-konvenuta għal danni minħabba xogħol ħażin u ħruġ abużiv ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> "Jirriżulta li oriġinarjament il-ftehim kien li x-xogħlijiet in kwestjoni kienu ser jiswew is-somma totali ta' Lm50,000. Sussegwentement is-soċjetà attriċi talbet li l-imsemmi ammont jiġi rivedut u effettivament il-partijiet ftiehmu li l-imsemmi ammont kellu jitbiddel u, minflok, ix-xogħlijiet kellhom isiru bil-prezz ta' Lm80,000. Mario Bezzina, direttur tas-soċjetà konvenuta, ikkonferma li din ir-reviżjoni ġiet aċċettata "kontra qalbu" u, in effett, huwa jgħid li fl-istess ħin li sar il-ftehim il-ġdid huwa ddikjara li ma kienx beħsiebu jħallas lanqas ċenteżmu aktar mill-imsemmija somma ta' Lm80,000. In effett jirriżulta li finalment il-kont kollu tela' għal aktar minn Lm104,000. *Inoltre* s-soċjeta kon-venuta ssostni li meta sar dan l-aħħar imsemmi ftehim kienet saret wegħda verbali da parti tas-soċjetà attriċi li dan ix-xogħol kellu jsir fi żmien sitt xhur u *cioè* kellu jitlesta mhux aktar tard mill-1 ta' April 1996.
>
> "Is-soċjetà attriċi tallega li fil-kors tal-eskuzzjoni tal-appalt in kwestjoni kienet qed tiġi inkarigata tagħmel xogħol *extra*, *cioè* xogħol li ma kienx kontemplat fil-ftehim oriġinali. Skond is-soċjetà attriċi kien dan il-fatt li wassal biex isir reviżjoni tas-somma miftiehma. *Inoltre* s-soċjetà attriċi tikkontendi li anke wara li sar il-ftehim dwar is-somma ta' Lm80,000 is-soċjetà konvenuta kompliet tagħmel ordnijiet *extra*.
>
> "Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li s-soċjetà attriċi naqset li tesegwixxi x-xogħolijiet kollha li kellhom isiru u konsegwentement dawn l-istess xogħlijiet kellhom isiru minn terzi a spejjeż tas-soċjetà konvenuta. … … … *Inoltre* s-soċjetà konvenuta ssostni li għax-xogħlijiet *extra* hi kienet tħallas lis-soċjetà attriċi separatament jew kienet tħallas direttament lill-kuntratturi u dan dejjem bil-kunsens tas-soċjetà attriċi. *Inoltre*, skond is-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi kellha tiehu ħsieb kollox hi għal dak li kien jirrigwarda il-kuntratt ta' appalt in kwestjoni."

2. L-ewwel qorti mbagħad waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li l-fatti kif impostati mis-soċjetà attriċi huma skorretti u dan peress li, skond is-soċjetà konvenuta, mhux minnu li hi għamlet ordnijiet ta' xogħol ġdid jew *extra*. Mill-provi jirriżulta li, effettivament, is-soċjetà konvenuta għamlet ordnijiet addizzjonali lis-soċjetà attriċi bħal l-għamara u l-bidla fl-istruttura tal-faċċata biex jiġi inkluż il-granit. In effett Mario Bezzina għas-soċjetà konvenuta xehed illi sar xi xogħol *extra* però s-soċjetà attriċi qatt ma informat lis-soċjetà konvenuta b'kemm kien ser jiswa x-xogħol *extra*. L-istess xhud Mario Bezzina fil-kontro-eżami qal li in effett kienet ġiet kkonsenjata għamara ta' *Fino* li tqiegħdet fil-*general manager's office*, fl-*accountant's office*, fir-*reception area* u fis-*supervisor's area*. L-istess xhud ikkonferma li hu kien ordna din l-għamara minn fuq katalogu li kien urieh rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Fir-rigward tal-istruttura tal-faċċata, l-istess Mario Bezzina xehed illi din inbidlet sabiex tinkludi l-granit. Sostanzjalment, kwindi, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta kkonferma li kienet żdiedet l-ordni u li għalhekk fil-kors tal-esekuzzjoni tal-appalt kienu saru ordnijiet ġodda. F'dawn iċ-ċirkostanzi ġie għalhekk ippruvat b'mod suffiċjenti li s-soċjetà attriċi ingħatat inkarigu għar-rigward ta' xogħol żejjed.
>
> "Is-soċjetà konvenuta tattribwixxi l-fatt li x-xogħol ma marx kif kien ippjanat, b'mod partikolari għal kemm kellu jiswa l-istess xogħol, għan-nuqqas ta' effiċjenza, ta' arti u ta' sengħa da parti tas-soċjetà attriċi. Is-soċjeta konvenuta ssostni li kien għalhekk li ddikjarat li ma kinetx beħsiebha tħallas aktar minn Lm80,000. Jiġi ribadit li jirriżulta li s-soċjetà konvenuta qablet mal-imsemmija ċifra ta' Lm80,000. Jirriżulta li l-kont finali tela' għas-somma [ta'] mija u erbat elef, sitt mija u ħames liri Maltin u disgħa u erbgħin ċentezmu (Lm104,605.49,0). Skond is-soċjetà konvenuta hi ħallset dak kollu li kien dovut minha skond il-ftehim kif rivedut u konsegwentement m'għandha x'tħallas ebda bilanċ lis-soċjetà attriċi.
>
> "Skond l-imsemmi Mario Bezzina, peress li kien jinsisti mas-soċjetà attriċi sabiex il-prezz tax-xogħol ma jaqbiżx iċ-ċifra ta' Lm80,000 huwa ma tax każ lill-korrispondenza li kien jirċievi minngħand is-soċjetà attriċi. Jirriżulta suffiċjentement li s-soċjetà konvenuta kompliet tagħmel ordnijiet addizjonali. Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fil-kawża fl-ismijiet Craig *nomine* v. Debono *nomine* fid-29 ta' April 1996 sostniet li "wieħed għandu, meta jara x-xogħol jiżdied u l-ispiża togħla, jikkontrolla dak li qed isir; … … …". Kwindi s-soċjetà konvenuta meta rat li x-xogħol kien qiegħed jiżdied kellha tikkonsulta mas-soċjetà attriċi.

"Ix-xogħolijiet in kwestjoni għandhom jigu kkonsidrati bħala *extra works* li għalhekk mhumiex inklużi fl-istima oriġinali. Skond deċiżjonijiet tal-qrati tagħna pretensjonijiet ta' ħlas għar-rigward ta' dan it-tip ta' xogħlijiet *extra* għandhom ikunu kkonsidrati favorevolment (*vide* Prim'Awla, 5 ta' Novembru 2001, Dr Louise Sant Fournier *nomine vs* Jawad Shaikh *et* u Prim'Awla, 6 ta' Ottubru 2005, Vella Borg Alfred *v. Accountant General et*). F'din l-aħħar imsemmija sentenza ntqal li "l-liġi tagħna, art.1639 tal-Kap. 16, timxi mar-regola li l-bidla jew żjieda fix-xogħol miftiehem f'appalt ta' bini jew ta' "xogħol ieħor kbir" ma tagħtix jedd lill-appaltatur għal żjieda fil-prezz, sakemm dawk il-bidliet jew żjieda ma jkunux gravużi għalih. Il-liġi ma jidhirx li tagħmel distinzjoni bejn meta x-xogħol ġdid jew żejjed ikun inħoloq bla maħsub min-natura nnifisha tal-appalt u meta dak ix-xogħol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju waħdieni fil-liġi tagħna huwa dak li l-bidliet ikunu għamlu l-appalt mogħti aktar gravuż għall-appaltatur". … … …

"Kwindi *nonostante* li s-soċjetà konvenuta ssostni li hi ma kellha tħallas xejn *oltre* s-somma pattwita ta' Lm 80,000, fi kwalunkwe każ skond l-imsemmija prinċipji kif enunċjati mil-liġi u mill-qrati tagħna, peress li jirriżulta li x-xogħol addizzjonali in kwestjoni huwa gravuż għas-soċjetà attriċi u jista' jiġi kkonsidrat bħala preġudizzjevoli għas-soċjetà attriċi u l-istess xogħlijiet jirriżulta li huma wkoll ta' entità kbira, l-appaltatur, *cioè* l-istess soċjetà attriċi għandha l-jedd li titlob żjeda fil-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta minħabba xogħlijiet addizzjonali.

"Is-soċjetà konvenuta, *inoltre*, tinsisti li m'hemmx relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjetajiet terzi indikati mis-soċjetà attriċi fil-prospett tagħha peress jekk kien hemm kwalsijasi relazzjoni kummerċjali mal-istess soċjetajiet terzi din kienet biss mas-soċjetà attriċi, u s-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma tidħol. Il-ftehim li hu l-mertu ta' dawn il-proċeduri sar esklusivament bejn il-partijiet f'din il-kawża. Skond is-soċjetà konvenuta il-mod kif kellu jiġi esegwit l-appalt kien esklusivament fid-diskrezzjoni tas-soċjetà attriċi.

"Hu ovvju li bl-imsemmi prospett is-soċjetà attriċi mhux qed tippretendi li s-soċjetà konvenuta għandha xi relazzjoni kummerċjali mal-persuni indikati fl-istess prospoett. Hawn *si tratta* ta' kuntratt ta' appalt u jirreferi għal dak li komunement hu magħruf bħala *turnkey* u għalhekk mhux eskluż li l-appaltatur igħaddi xi xogħlijiet konnessi mal-appalt lil terzi. Għalhekk is-sub-appaltatur u l-appaltatur biss jidħlu f'relazzjoni kummerċjali. Hu minnu li ma hemm ebda ebda linja diretta bejn is-sub-appaltatur u min ikun ta oriġinarjament l-appalt. Ovvjament però l-ispejjeż relatati mas-sub-appalt għandhom jiġu inklużi fil-kont finali tal-appalt li jipprepara l-appaltatur, f'dan il-każ, is-soċjetà attriċi. Hu ovvju wkoll li min jkun ordna x-xogħlijiet u *cioè* s-soċjetà konvenuta hi tenuta li tħallas il-kont kollu inkluż dawk l-ispejjeż konnessi mas-sub-appalti. L-imsemmi prospett jindika

sempliċement l-ammont li s-soċjetà attriċi tirretjeni li baqgħalha tiegħu minngħand is-soċjetà konvenuta u jinkludi wkoll l-isem ta' min wettaq il-varji xogħlijiet.

"Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi wkoll li t-talba tas-soċjetà attriċi, kif kontenuta fiċ-ċitazzjoni, hi preskritta. Fl-ewwel lok, fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha, is-soċjeta konvenuta naqset li tindika l-artikolu tal-liġi li fuqu hi bbażata din l-eċċezzjoni. Is-soċjetà konvenuta hi tenuta li tindika liema tul tal-preskrizzjoni qed tinvoka u dan ukoll sabiex il-kontro-parti tkun f'posizzjoni li tiddefendi ruħha. Hemm azzjonijiet li jaqgħu wara ftit xhur, wara ftit snin jew wara ħafna snin. Is-soċjetà konvenuta in sostenn ta' din l-eċċezzjoni tissottometti li s-soċjetà attriċi stess tammetti li l-ftehim in kwestjoni sar f'Ottubru 1995 u li l-allegata ittra uffiċjali ntbagħtet iktar minn sentejn wara u *cioè* f'Novembru 1997.

"Fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2010 fil-kawża fl-ismijiet Andrea Grasso *nomine v.* David Desira *et* ġie ritenut li hu *ormai* assodat li meta f'kawża wieħed jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni flimkien mal-eċċezzjoni li l-ammont kif mitlub m'hux kollu dovut jew li huwa esaġġerat, dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma joqogħdux flimkien u t-tieni twaqqa' l-ewwel waħda. L-istess Qorti tal-Appell żieded tgħid fil-kawża fl-ismijiet *Aluminium Limited v. Earli Limited* li dan hu hekk peress li impliċitament it-tieni eċċezzjoni hija stqarrija tal-eżistenza tad-dejn u l-għarfien tad-dejn jikser iż-żmien tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili, irrispettivament li l-*quantum* dovut ikun qed jiġi kontestat. *In vista* ta' dak kollu li ġie premess l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-soċjetà konvenuta jisthoqqilha li tiġi miċħuda.

"Wara li sar il-ftehim fis-sens li s-soċjetà konvenuta kellha tħallas Lm80,000 lis-soċjetà attriċi in konnessjoni tal-appalt in kwestjoni, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kompliet tagħmel ordnijiet ġodda u x-xogħol kollu li sar ġie jiswa s-somma komplessiva ta' mija u erbat elef, sitt mija u ħames liri maltin u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm104,605.49), li jirriżulta li minnu s-soċjetà konvenuta ħallset is-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, ħames mija u tnejn u ħamsin lira maltin u erbatax-il ċenteżmu (Lm74,552.14). Is-soċjetà attriċi tippretendi li baqgħalha bilanċ x'titħallas li jammonta għas-somma ta' tletin elf u tlieta u ħamsin lira maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm30,053.35).

"Bħala prova ta' dan, is-soċjetà attriċi ppreżentat prospett dettaljat … … … Jirriżulta mill-provi li l-appalt in kwesjoni ġie esegwit kollu, filwaqt illi l-ħlas ma sarx għall-bilanċ kollu dovut. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tippretendi li m'hemmx bilanċ dovut *stante* li ħallset l-ammont miftiehem u *cioè* s-somma ta' tmenin elf lira maltin (Lm80,000). Kif intqal aktar 'il fuq, jirriżulta li l-appaltatur għandu dritt li jitħallas tax-xogħol addizzjonali, *cioè* ta xogħol li sar u li però ma kienx inkluż fil-

ftehim originali. Kwindi s-soċjetà attriċi għandha d-dritt li titħallas tax-xogħol *extra* u skond l-imsemmi prospett.

"Skond is-soċjetà konvenuta fil-1997 kienu nqalgħu l-*airconditioners* li kienu twaħħlu mis-soċjetà attriċi fil-kors tal-appalt meritu ta' dawn il-proċeduri. Jirriżulta li l-prezz relattiv għal dawn l-*airconditioners* hu Lm8,598 u dan l-ammont hu inkluż fl-imsemmi blanċ dovut ta' tletin elf u tlieta u ħamsin lira maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm30,053.35). Peress li l-apparat in kwestjoni nqala' s-soċjetà attriċi m'għandhiex titħallas tal-istess apparat.

"F'dawn il-proċeduri interveniet fil-kawża s-soċjeta *C Fino & Sons Limited*. Skond il-liġi l-intervenut fil-kawża jista' biss jippreżenta skritturi u jista' jieħu parti attiva fid-diskussjoni jew trattazzjoni. L-intervenut mhux parti fil-kawża u kwindi ma jistax jiġi kkundannat jew jiġi liberat. … … …

*"In vista* ta' dak kollu li ġie premess l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta għandhom jiġu miċħuda u konsegwentemet it-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti però limitatament għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erba' mija u ħamsa u ħamsin lira maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm21,455.35) ekwivalenti għal disgħa u erbgħin elf, disa' mija u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€49,990.97) bħala bilanċ li għadu dovut in konnessjoni tal-appalt imwettaq mis-soċjetà attriċi fuq linkarigu tas-soċjetá konvenuta u dana bl-imgħaxijiet kollha legali mis-27 ta' Novembru 1997.

"<u>Kontro-talba</u>

"Is-soċjetà konvenuta *Joseph Bezzina & Company Limited* ippreżentat kontro-talba u *cioè* għamlet kawża jew azzjoni għad-danni allegatament sofferti mis-soċjetà konvenuta minħabba l-aġir tas-soċjetà attriċi. F'dan ir-rigward is-soċjetà konvenuta tallega li s-soċjetà attriċi naqset milli tesegwixxi x-xogħol kollu, u li x-xogħol in kwestjoni ma sarx skond l-arti u s-sengħa. *Inoltre* s-soċjetà konvenuta ssostni li x-xogħol li ma sarx mis-soċjetà attriċi kellu jiġi esegwit minn terzi a spejjeż tas-soċjetà konvenuta.

"Is-soċjetà attriċi tiċħad l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta li s-soċjetà attriċi ma esegwietx ix-xogħol kollu kif miftiehem u kif pattwit. Direttur tas-soċjetà konvenuta allega li meta sar il-ftehim dwar l-appalt in kwestjoni, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, *cioè* Lino Vassallo, kien ipprometta li x-xogħol kollu kien ser ikun lest sal-1 ta' April 1996. Skond is-soċjetà konvenuta ġara li x-xogħol ma kienx lest sal-imsemmija data. L-istess direttur tas-soċjetà konvenuta kompla jixhed li peress li x-xogħol ma kienx tlesta u sabiex ix-*showroom* tkun tista' tinfetaħ kien hemm spiża ta' Lm967.42, li tħallset mis-soċjetà konvenuta. Dawn l-aħħar xogħlijiet saru minn terzi u, skond is-soċjetà konvenuta, kienu jikkonsistu f'xogħol ta' *aluminium*, ta' żebgħa, ta' tikħil, tapit

għax-*showroom*, arrediment ta' uffiċini, u tindif tal-post. *Inoltre* s-soċjetà konvenuta qiegħda titlob ir-rimbors ta' ħlasijiet li hi għamlet lis-soċjetà attriċi rigwardanti x-xogħol li allegatament ma sarx mis-soċjetà attriċi. Dwar dan is-soċjetà attriċi tissottometti li ma kien hemm ebda lok li jitqabbdu terzi persuni sabiex ilestu xogħol kuntrattat magħha.

"F'dan ir-rigward is-soċjetà attriċi ssostni li ma kienx hemm ftehim fuq iż-żmien li fih kellu jitlesta x-xogħol, u *inoltre* li x-xogħol ħa ż-żmien biex jitlesta peesss li kien hemm tibdiliet fit-tip u l-kwalità ta' xogħol. L-imsemmi direttur tas-soċjetà konvenuta xehed illi l-ftehim illi x-xogħol kellu jitlesta sal-imsemmija data tal-1 ta' April 1996 kien biss ftehim verbali u dan sar mal-imsemmi Lino Vassallo. L-istess direttur tas-soċjetà konvenuta kkalkola li, f'dan ir-rigward, id-danni li soffriet is-soċjetà tiegħu kienu jammontw għal *circa* Lm50,000. Is-soċjetà konvenuta ppreżentat prospett fejn elenkat id-danni sofferti minnha *in vista* tal-fatt li x-*showroom* infetħet tard u peress li s-soċjetà attriċi ottjenit il-ħruġ ta' mandat ta' Sekwestru fis-somma ta' Lm91,826.

"L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li kull individwu għandu jwieġeb għall-ħsara li tkun ġrat bi ħtija tiegħu. Is-subinċiż (1) tas-segwenti artikolu 1032 jipprovdi li jitqies bħala ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diligenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Hemm nuqqas tad-diliġenza meta, skond l-artikolu 1033, xi ħadd jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaga li biha jikser xi dmir impost mill-liġi u *cioè* jrid jirriżulta ukoll li d-danneġġjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skond il-liġi.

"… … …

"Kwindi jekk jiġi ppruvat illi s-soċjetà attriċi hija ħatja ta' ħsara lis-soċjetà konvenuta, l-istess soċjetà attriċi jkollha twieġeb għall-għemil tagħha. Minn analiżi tal-provi jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ma rnexxilhiex tipprova suffiċjentement li s-soċjetà attriċi impenjat ruħha illi twettaq ix-xogħol *entro* żmien fiss. Ġaladarba illi ma jirriżultax ippruvat żmien li fih ried jitlesta x-xogħol, lanqas ma tirriżulta l-kolpa li tagħti d-dritt lis-soċjetà konvenuta tfittex għad-danni għaliex biex din il-kawża ta' danni tirnexxi s-soċjetà konvenuta jeħtiġilha tipprova l-kolpa u *cioè* dak in-ness kawżali bejn l-event dannuż u l-kondotta tas-soċjetà attriċi u *inoltre* trid tipprova ukoll l-eżistenza tad-dannu.

"… … … Fil-każ in eżami ma nġabitx prova suffiċjenti li kien hemm xi żmien pattwit li fih ix-xogħol kellu jitlesta mis-soċjetà attriċi. Ġaladarba ma kienx hemm dan it-tip ta' ftehim is-soċjetà attriċi ma tistax tinżamm responsabbli li kisret xi ftehim. Kwindi is-soċjetà konvenuta naqset milli tipprova li s-soċjetà attriċi kienet il-kawża tad-dannu. Lanqas ma ġie ppruvat illi s-soċjetà attriċi ħadet xi żmien mhux raġonevoli biex twettaq l-appalt. *Inoltre* kif ġà ġie enfasizzat jekk kien hemm xi dewmien dan seta' kien dovut għax-xogħlijiet addizzjonali li s-soċjetà

konvenuta ordnat. Konsegwentament ma tistax tinstab responsabilità tas-soċjetà attriċi għall-ħlas li s-soċjetà konvenuta tallega li għamlet lil terzi biex ix-xogħolijiet fix-*showroom* jitkomplew u jitlestu.

"*Inoltre* s-soċjetà konvenuta tallega illi x-xogħol li kien laħaq tlesta mis-soċjetà attriċi ma sarx skond l-arti u s-sengħa u dan minħabba traskuraġni, nuqqas ta' pjannar tajjeb, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti. Dan hu miċħud mis-soċjetà attriċi. F'dan ir-rigward l-imsemmi direttur tas-soċjetà konvenuta ikkonferma li hu, fil-fatt, kellu xi lmenti x'jagħmel dwar il-kwalità tax-xogħol li ġie pprovdut mis-soċjetà attriċi però huwa kompla jgħid li f'dan l-istadju ma kienx qed insostni dawn l-ilmenti. In effett jirriżulta li l-istess direttur tas-soċjetà konvenuta qatt ma lmenta mas-soċjetà attriċi li x-xogħol kien b'xi mod difettuż. *Inoltre* ma ġiet prodotta ebda prova mis-soċjetà konvenuta li x-xogħol ma kienx sar skond is-sengħa u l-arti. Bl-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova, l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta li x-xogħol sar ħażin ma ġietx ippruvata u għalhekk ma tirriżultax.

"Is-soċjetà konvenuta tagħmel referenza għall-mandat kawtelatorju, ġà msemmi, li ġie ottjenut kontra tagħha mis-soċjetà attriċi. Skond is-soċjetà konvenuta dan l-att kawtelatorju ġie ottjenut abbużivament. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li f'dan il-każ is-soċjetà konvenuta ma ipprovatx li hi sofriet xi danni bhala konsegwenza tal-ħruġ tal-imsemmi mandat u tat-tul kemm dam fis-seħħ l-istess mandat.

"*In vista* ta' dak kollu li ġie premess il-kontro-talbiet kollha tas-soċjetà konvenuta jimmeritaw li jiġu miċħuda *stante* li l-istess soċjetà konvenuta naqset li tipprova li s-soċjetà attriċi ma esegwietx ix-xogħol kollu u li x-xogħlijiet ma sarux skond kif titlob is-sengħa u l-arti u ukoll li l-imsemmi mandat ta' sekwestru ġie ottenut abbużivament.

"Għal dawn ir-raġunijiet kollha:-

"Tiddeċiedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta u konsegwentement tiċħad il-kontro-talbiet kollha tas-soċjetà konvenuta u billi fit-tieni lok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta u konsegwentement tilqa' t-talbiet attriċi limitatament però għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erba' mija u ħamsa u ħamsin lira maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm21,455.35) ekwivalenti għal disgħa u erbgħin elf, disa' mija u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€49,990.97) bħala bilanċ li għadu dovut in konnessjoni mal-appalt in kwestjoni mwettaq mis-soċjetà attriċi fuq l-inkarigu tas-soċjetá konvenuta u dana bl-imgħaxijiet kollha legali mis-27 ta' Novembru 1997.

> "L-ispejjeż kollha jitħallsu kwantu għal parti waħda minn ħamsa (1/5) mis-soċjetà attriċi u kwantu għar-rimanenti erba' partijiet minn ħamsa (4/5) mis-soċjetà konvenuta."

3. Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attriċi kif ukoll, b'appell inċidentali, il-konvenuta. Billi, għal raġunijiet li jidhru aktar 'il quddiem, id-deċiżjoni dwar l-appell ewlieni tintlaqat b'dik dwar l-appell inċidentali, hu aktar xieraq li nibdew billi nqisu l-appell inċidentali.

4. L-aggravju tas-soċjetà konvenuta fl-appell inċidentali tagħha hu illi l-ewwel qorti xejn ma qieset ittra mibgħuta lill-konvenuta mill-attriċi fl-14 ta' Lulju 1997 u ma qisitx ukoll riċevuta maħruġa mill-attriċi fil-5 ta' Awwissu 1997.

5. L-ittra tal-14 ta' Lulju 1997[1] mill-attriċi lill-konvenuta tgħid hekk:

> "Further to our meeting of today, I confirm that the agreed price for the finishing of your offices in Marsa was Lm80,000 inclusive of VAT.
>
> "The invoices of Lm104,912 supplied by our Lino Vassallo was the total expense we faced in the finishing of th epremises. As we discussed, I understand that your commitment to our contract amounts only to Lm80,000. I leave it to your discretion in effecting payment. I hope you would understand that we overspent your budget solely in your interest to give you the best product, failing to consult you in the increase of costs involved.
>
> "I apologise for the delay in finishing the premises on the date agreed. I hope in the long run you will appreciate that at least our finishing was to your complete satisfaction and wish you the success you merit in the new offices."

6. Ir-riċevuta tal-5 ta' Awwissu 1997[2] imbagħad tgħid hekk:

---

[1] *Fol.* 138 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[2] *Fol.* 139 tal-proċess tal-ewwel qorti.

> "Received from *Joseph Bezzina & Co.* the sum of Lm5,500 being on account of agreed total amount of Lm80,000 for project and finishing of Aldo Moro, plot 405.
>
> "The balance due to *Ultramar* (*Ultraservices*) is Lm5,447.86.
>
> "Received from J. Bezzina the sum of Lm5,500 on 5.08.97."

7. Dawn id-dokumenti, tgħid il-konvenuta, juru illi l-attriċi wkoll taqbel u taċċetta illi l-ftehim kien dwar tmenin elf lira (Lm80,000).

8. L-attriċi wieġbet hekk:

> "… … … l-appell inċidentali jinsab unikament ibbażat fuq l-allegazzjoni illi l-ewwel onorabbli qorti b'xi żvista insiet tagħti konsiderazzjoni lill-ittra mibgħuta minn *Ultraservices* lill-appellata fl-14 ta' Lulju 1997, skond liema ittra l-appellata tgħid illi jirriżulta ċar li kien hemm kuntratt t'appalt għal Lm80,000 … … …
>
> "Fil-fatt minkejja illi tassew is-sentenza appellata ma ssemmix din l-ittra testwalment, hemm diversi partijiet fis-sentenza li juru li l-ewwel qorti kienet minn dejjem konxja tal-pretensjoni tal-appellata illi hija kellha tħallas biss sas-somma ta' Lm80,000. Dak li ġara huwa illi l-ewwel onorabbli qorti, wara li eżaminat il-provi bir-reqqa, ma qablitx ma' din il-pretensjoni u skartatha.
>
> "Ir-raġuni il-għala skartatha toħroġ mill-fatt illi dik il-qorti fehmet sew illi dak li ġara kien illi l-appellata kienet talbet stima għal xogħlijiet fix-*showroom* tagħha il-Marsa, u l-ewwel stima, f'Ottubru 1995, li kienet waħda indikattiva kienet għal Lm50,000. *Man'mano* li bdew ix-xogħlijiet il-klient, *cioè* l-appellata, bdiet iddawwar xi pjanijiet u bdiet iżżid l-ordni b'mod konsiderevoli. Mhux l-iskop li f'dan l-att jiġi ripetut dak kollu li irriskontrat l-ewwet qorti, iżda din – kemm in bażi tad-dokumenti eżibiti kif ukoll fuq ix-xiehda, inkluż ta' Mario Bezzina, direttur tal-appellata – ikkonkludiet li tassew saru xogħlijiet minn *Ultraservices Limited* fl-imsemmija *showroom* għall-valur ta' Lm104,605.49, u korrettement u fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza minnha ċitata, din ikkonkludiet illi meta ikun hemm *extra works* ta' entità kbira, il-kommittent irid iħallas għalihom *una volta* li jkun ordnahom u jkunu ġew lilu kunsinnati.
>
> "Matul it-trattazzjoni tal-kawża, l-appellata ipprovat kemm jista' jkun tieħu vantaġġ minn din l-ittra tal-14 ta' Lulju 1997, u difatti kien sar kontro-eżami dettaljat fuq dan il-punt lil Mario Bezzina li permezz tiegħu intwera kemm ma kinitx kredibbli l-verżjoni tiegħu. *Per di più* Envic Galea, direttur ta' *Ultraservices Limited*, l-appetlanti, xehed estensivament fuq l-episodju tal-ittra imsemmija, u spjega li dak li ġara kien li x-xogħol kien qed jieħu ħsiebu Lino Vassallo li kien impjegat ta' *Ultraservices*. F'waqt

minnhom dan mar sab xogħol fuq proġett gewwa l-Albania u kien *incomunicado* għal diversi xhur. Galea bħala direttur ta' *Ultraservices* beda jinduna illi Mario Bezzina beda jaqa' lura mill-ħlasijiet li kellhom isiru sabiex jitħallsu s-*subcontractors.* Meta avviċina lil Mario Bezzina u wrieh b'dokumenti li l-kont tela' għal Lm104,605.49, Mario Bezzina sab ruħu u f'pożizzjoni dominanti u irrikattah illi biex ikompli jagħmel pagamenti oħrajn ried dikjarazzjoni mingħand Galea illi l-valur tal-kuntratt kien ta' Lm80,000.

"Sfortunatament Galea fdah, u permezz ta' din l-ittra li Galea inkonsultament ta lil Mario Bezzina issa Mario Bezzina qed jipprova jiffranka Lm34,000. L-istorja kollha hi din u din biss. Mario Bezzina beda xogħol f'*showroom*, kellu f'moħħu li jagħmel proġett sabih. Kif ra x-xogħol miexi bdew jiġuh idejat sabiex isebbaħ iktar. Beda jordna u jordna u ma jagħtix każ ta' xi spiża addizzjonali ser ikun hemm.

"Huwa inawdit illi xi ħadd jordna kemm jiflaħ xogħol, anzi xogħol *extra*, u il-għaliex kien hemm ftehim fuq somma fissa, dak kollu li jordna *oltre* din is-somma jiġih b'xejn. Din l-attitudni ta' Mario Bezzina ġiet ukoll riskontrata mill-ewwel qorti, meta din osservat illi l-istess "Mario Bezzina, peress li kien jinsisti mas-soċjetà attriċi sabiex il-prezz tax-xogħol ma jaqbiżx iċ-ċifra ta' Lm80,000, huwa ma tax każ lill-korrispondenza li kien jirċievi mingħand is-soċjetà attriċi". Huwa inkredibbli li persuna responsabbli, fin-negozju, tieħu attitudni ta' nonkuranza simili fir-rapporti kummerċjali tagħha, u tieżu pożizzioni daqstant irraġonevoli, u mhux biss tgħidha bl-ikbar diżinvoltura quddiem l-ewwel qorti, iżda tasal biex ukoll tinsulta l-intelligenza tal-Qorti tal-Appell.

"Għalhekk mhux veru illi l-ewwel qorti ikkommettiet xi żvista għax ma tatx konsiderazzjoni tal-ittra u r-riċevuta irrilaxxjati lil Mario Bezzina. Dik il-qorti, wara li wieżnet il-fatturi kollha, qabel xejn issoddisfat ruħha illi l-kont totali kif preżentat minn *Ultraservices* kien wieħed dokumentat u korrett. Fit-tieni lok issoddisfat ruħha minn diversi elementi illi tassew illi Mario Bezzina kabbar il-proġett u daħħal diversi xogħlijiet *extra* li għollew il-prezz. Fit-tielet lok l-ewwel qorti iddeterminat illi mhux sew illi l-kommittent ma jżommx kont ta' x'qed jordna u x'qed iżid mal-ordni oriġinali, għaliex jinkombi lilu li jkun jaf eżatt kemm hu obbligat iħallas lill-kuntrattur, u, fir-raba' lok, evidentement l-ewwel qorti ma straħitx fuq l-ittra msemmija għaliex fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ma dehrilhiex li dik l-ittra kienet tirrappreżenta l-verità tal-affarijiet. Ovvjament il-qorti ħasbet – u sewwa għamlet – illi kienet x'kienet il-portata ta' dik l-ittra, din qatt ma setgħet twassal illi Mario Bezzina jieħu rigal ta' Lm34,000, kif wisq owjament dan qed jippretendi li jagħmel.

"Kien proprju għalhekk li din l-ittra li fuqha l-appell inċidentali huwa msejjes ma ngħatax piż determinanti. … … …

> "Fl-appell inċidentali saret ukoll allegazzjoni illi *Ultraservices* kienet moruża fl-esekuzzjoni tal-appalt minħabba li dan kellu jitlesta fl-1 t'April 1996 u tlesta ħafna wara. Anki dwar dan kien hemm diversi provi.
>
> "Qabel xejn Mario Bezzina jgħid illi dan it-terminu minnu allegat kien riżultat ta' ftehim verbali, u difatti tassew li dan l-allegat ftehim ma jirriżulta minn ebda dokument. Dan il-ftehim kien u għadu kontestat minn Lino Vassallo li qal illi d-diskors kien dwar l-1 t'April 1997. Irriżulta li kien [*sc.* hemm] diversi problemi fil-bini nnifsu illi ma ppermettiex li jibda x-xogħol, u, l-iktar wahda importanti, Mario Bezzina jaqbel li kien f'Novembru 1995 li kien aċċetta illi il-valur tax-xogħol għandu jitla' minn Lm50,000 sa Lm80,000. Kieku x-xogħol kien diġà sitt xhur tard bi ksur tal-allegat ftiehim, huwa verosimili li Mario Bezzina ma kienx qed jipprotesta u jhedded li jwaqqaf kollox? Mhux hekk biss anzi kien qiegħed jaċċetta awment ta' sittin fil-mija fil-prezz indikattiv oriġinali.
>
> "Fuq dan il-punt ukoll l-esponenti … … … jissottometti illi din l-onorabbli qorti għandha tikkondividi l-opinjoni tal-ewwel qorti illi ma ġiex soddisfaċentement ipprovat mill-appellata illi x-xogħol sar tardivament, u, kwindi, billi dan huwa l-ilment bażi tar-kontro-talba, din l-onorabbti qorti għandha tikkonferma s-sentenza in kwantu din ċaħdet il-kontro-talba tal-appellata."

9. Tassew illi, kif tgħid l-attriċi, l-ewwel qorti kienet qieset il-pretensjoni tal-konvenuta illi l-ftehim kien fuq tmenin elf lira (Lm80,000), iżda l-qorti kompliet tqis illi wara li sar dak il-ftehim komplew isiru xogħlijiet barranin li żiedu l-prezz tal-appalt. Iżda dak li juru ż-żewġ dokumenti fuq imsemmija ma hux biss li sar ftehim fuq tmenin elf lira (Lm80,000) iżda illi dak il-ftehim ġie konfermat ukoll *wara* li kienu saru x-xogħlijiet kollha. Dan jurih il-fatt illi fl-ittra tal-14 ta' Lulju 1997 ghalkemm jissemma' l-prezz ta' mija u erbat elef, disa' mija u tnax-il lira (Lm104,912) is-soċjetà attriċi aċċettat u qablet mal-prezz ta' tmenin elf lira (Lm80,000) meta kienet taf bix-xogħlijiet kollha li saru u kienet taf kemm jiswew, u aċċettat ukoll illi kisret il-ftehim meta għamlet

spejjeż żejda "*failing to consult you in the increase of costs involved*". Tant taċċetta l-attriċi illi dak li għandha jedd għalih huwa l-prezz miftiehem illi hi stess tistqarr illi "*I leave it to your discretion in effecting payment*": dan ma huwiex l-atteġġjament ta' min, għax ġie ordnat jagħmel xogħlijiet ġodda, jippretendi bi dritt ħlas għal dawk ix-xogħlijiet ġodda; huwa pjuttost l-atteġġjament ta' min għamel kalkolu ħażin, nefaq aktar milli ħaseb li kien sejjer jonfoq biex jagħmel ix-xogħlijiet li dwarhom kien marbut bi ftehim, u għalhekk iħalli f'idejn il-parti l-oħra tħallasx jew tinsistix fuq il-ftehim.

10. Dan kollu ġie konfermat ukoll fir-riċevuta tal-5 t'Awissu 1997, fejn jingħad għal darba oħra illi l-"*agreed total amount*" huwa ta' tmenin elf lira (Lm80,000). Dan kien ammont espressament miftiehem għal proġett *turnkey*, u mhux biss stima.

11. Huwa ovvju għalhekk, mis-sentenza appellata, illi l-ewwel qorti tassew ma qisitx dawn iż-żewġ dokumenti u l-konsegwenzi li jġibu magħhom.

12. L-allegazzjoni tal-attriċi illi d-direttur tagħha kien "rikattat" biex jikteb dak li kiteb fl-ittra tas-17 ta' Lulju 1997 ma tistax ikollha relevanza f'din il-kawża: ladarba l-attriċi ma talbitx dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-kunsens tagħha nkiseb b'tehdid jew vjolenza u għalhekk ma jiswiex, il-ftehim li tiegħu dik l-ittra hija prova jitqies

li jiswa. Barra minn hekk, l-allegazzjoni tal-attriċi illi l-ittra saret għax hekk riedet il-konvenuta li kellha "pożizzjoni dominanti" ma hijiex indikazzjoni u wisq anqas prova ta' vjolenza morali. Jekk, kif qiegħda issa tippretendi, l-attriċi kienet kreditriċi tal-konvenuta, setgħet faċilment tikkawtela l-pretensjoni tagħha fuq il-proprjetà tal-konvenuta u ma kellha għalfejn iċċedi għal ebda rikatt. Il-konklużjoni tista' tkun biss illi l-konvenuta qablet illi l-prezz miftiehem, bix-xogħlijiet kollha li saru, kien ta' tmenin elf lira (Lm80,000) għar-raġuni li dak kien tassew il-prezz miftiehem.

13. L-aggravju tal-konvenuta fl-appell inċidentali tagħha għandu għalhekk jintlaqa' u l-istess appell inċidentali, safejn ibbażat fuq dak l-aggravju, għandu jintlaqa' wkoll. Qiegħed jingħad illi l-appell inċidentali għandu jintlaqa' biss safejn ibbażat fuq l-aggravju fuq imsemmi għax il-konvenuta talbet ukoll ir-riforma tas-sentenza fejn ġew miċħuda l-kontro-talbiet tagħha għad-danni talli ma tlestiex ix-xogħol kollu u dak li sar ma sarx kif iridu l-arti u s-sengħa. Dwar dan iżda ma tressaq ebda aggravju u ma tressqet ebda raġuni għala s-sentenza għandha tiġi riformata f'din il-parti wkoll. L-appell inċidentali għalhekk qiegħed jintlaqa' biss safejn l-ewwel qorti ikkundannat lill-attriċi tħallas bilanċ li jġib il-prezz tal-appalt aktar minn tmenin elf lira (Lm80,000), jew mija u sitta u tmenin elf, tliet mija u disgħa u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€186,349.87).

14. Ngħaddu issa għall-appell ewlieni tal-attriċi li ġie minnha mfisser hekk:

> "… … … l-aggravju tal-appellanti … … … jirrigwarda biss il-likwidazzjoni tas-somma dovuta lilha, in kwantu hi tissottometti illi s-somma kollha mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni kellha tiġi likwidata a favur tagħha. Konsegwezjalment hi tinsab aggravata wkoll fuq il-kap tal-ispejjeż, għaliex tissottometti li dawn kellhom jiġu akkollati kollha lill-appellata, bħala riżultat tal-ewwel aggravju. … … …
>
> "Dan it-tnaqqis ġie effettwat mis-somma finali għaliex l-ewwel qorti iddikjarat illi l-*airconditioners* imwaħħlin fil-proprjetà tal-appellata bħala parti mix-xogħlijiet formanti parti mill-appalt, kienu nqalgħu minn posthom. Illi l-valur ta' dawn l-*airconditioners* kien ta' Lm8,598, u għalhekk din is-somma tnaqqset mit-total dovut mill-appellata lill-appellanti. Bir-rispett kollu hawn *si tratta* kemm ta' żball ta' fatt, kif ukoll żball ta' dritt.
>
> "Bħala fatt ġara illi l-appellanti kienet tat subappalt dwar il-fornitura u tqegħid tal-*airconditioners* lil *Bezzina Brothers Limited*. Din fil-fatt ipprovdiet u stallat il-*units* meħtieġa. Iżda minħabba illi l-appellata kienet żammet il-ħlasijiet tal-bilanċ li fadlilha tħallas, l-appellanti ma kinitx f'qagħda finanzjarja li tħallas lil *Bezzina Brothers Ltd* tal-istess xogħol. Id-diriġenti ta' *Bezzina Brothers Limited* jidher li meta raw hekk iddeċidew jieħdu l-liġi b'idejhom, u marru u qalgħu xi wħud (mhux kollha) mill-*airconditioners.* Dwar dan l-appellata kienet għamlet kawża ta' spoll kontra *Bezzina Brothers Limited*, liema kawża hi rebħet in forza ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Jannar 2008. B'din is-sentenza Godfrey u Dennis Bezzina nstabu li kkommettew spoll meta fis-16 ta' Diċembru 1997 ħadu mill-pussess tal-appellata 4 *fans* u tliet *airconditioning units*. Huma ġew ordnati sabiex ireġġgħu kollox lura għall li kien qabel dik id-data.
>
> "… … …
>
> "Ix-xhud Envic Galea … … … kien spjega dak li ġara. Dan stqarr illi l-appellanti taf li meta *Bezzina Brothers* ma tħallsux tal-*airconditioners* minħabba illi l-appellata ma kinitx riedet tħallas lill *Ultraservices*, *Bezzina Brothers* (i-kuntrattur li pprovda l-*airconditioners*) mar u qala' uħud minnhom. Azzjoni li ma ġietx istigata mill-appellanti u lanqas approvata minnha.
>
> "Bħala fatt, l-appellanti *tramite* s-subappalt li tat lil *Bezzina Brothers Limited* issuplixxiet 12 il-*unit* bil-valur totali ta' Lm8,598 … … … Minn dawn ittieħdu lura erba', mela baqa' tmienja, iżda apparti minn hekk l-appellata rebħet sentenza kontra *Bezzina Brothers Limited* għar-ritorn ta' dawk il-*units* meħudin. Il-valur tal-*units* meħudin kien biss ta' Lm2,987.84 … … …

> "Kwindi *a prescindere* minn dak li ser jingħad *infra*, l-ammont li *se mai* kellu jitnaqqas ma kellu qatt ikun l-ammont intier ta' Lm8,598, iżda l-iktar kellu jkun dak ħafna inferjuri ta' Lm 2,987.84 li jekwivali għall-*units* attwalment sottratti minn *Bezzina Brothers Limited* għad-dannu tal-appellata.
>
> "Iżda fid-dritt jiġi sottomess li lanqas dan it-tnaqqis m'għandu jsir. Kif spjegat, l-appellanti wettqet it-kuntratt tagħha fl-intier u ipprovdiet il-*units* kollha rikjesti u ordnati mill-appellata. Apparti l-fatt illi *Bezzina Brothers* għamlu li għamlu minħabba li l-intransigenza tal-appellata fir-rifjut li tħallas dak li kien dovut wassal biex *Bezzina Brothers* ma titħallasx, u apparti li dan, in segwitu, wassal għall-azzjoni unilaterali u illegali ta' *Bezzina Brothers Limited*, jibqa' l-fatt illi l-appellanti – li wettqet il-kuntratt lilha mogħti – ma tista' qatt tirrispondi għall-aġir illegali ta' terz (*Bezzina Brothers Limited*). Ma ġiet qatt ippruvata xi kompliċità jew xi aġir illegali daparti tal-appellanti f'dan l-att ta' spoll. Huwa elementari li ħadd ma jista' jkun tenut jirrispondi għall-aġir illeċitu ta' ħaddieħor fit-mankanza li jew ikun responsabbli għall-aġir ta' min ikkommetta d-delitt (bħala missier ta' tifel minuri), u fil-mankanza ta' xi kompliċità fl-att illeċitu.
>
> "Il-fatt minnu nnifsu illi l-appellata għamlet kawża ta' spoll kontra d-dirigenti ta' *Bezzina Brothers Limited* f'isimhom proprju u bħala rappreżentanti tal-istess soċjetà, ukoll li f'dik il-kawża l-appellanti ma ħassitx il-bżonn (korrettement) tal-preżenza tar-appellanti, huwa *res ipsa loquitur.* Juri biċ-ċar illi l-event tal-ispoll kien attribwit mill-appellata għall-konvenuti fdik il-kawża, u fl-ebda waqt ma kien b'xi mod attribwit lill-appellanti.
>
> "Fid-dawl ta' dan il-prinċipju legali jrid bilfors isegwi illi s-soċjetà appellanti u l-appalt esegwit *in pieno* minnha huma estranji għall-ispoll ilmentat, u li għalhekk, in bażi ta' kuntratt esegwit, l-appellanti għandha titħallas l-ammont kollu minnha mitlub mingħajr l-ebda deduzzjoni."

15. Il-qorti tosserva illi t-tnaqqis sar mhux għax l-attriċi kienet b'xi mod kompliċi ma' *Bezzina Brothers Limited* fit-teħid tal-*airconditioners* iżda għax il-konvenuta ma għandhiex tħallas għal dak li ma ngħatax lilha għax, wara li ġie kunsinnat, ittieħed lura. Il-kwistjoni għalhekk hija (i) jekk tassew il-konvenuta baqgħetx mingħajr l-*airconditioners* u (ii) jekk kienx bi ħtija tal-attriċi li l-*airconditioners* ittieħdu.

16. Fid-dawl ta' dak li ngħad dwar l-appell inċidentali, it-weġiba għat-tieni mistoqsija hija ċara: l-*airconditioners* ittieħdu lura minn *Bezzina Brothers Limited* għax l-attriċi ma ħallsitx għalihom, u l-attriċi ma ħallsitx għax dehrilha – ħażin, kif rajna fil-konsiderazzjonijiet dwar l-appell inċidentali – illi l-konvenuta ma ħallsithiex kemm kellha tħallasha. Kien għalhekk nuqqas tal-attriċi li wassal għall-episodju tat-teħid tal-*airconditioners*.

17. L-attriċi iżda tgħid illi f'kull każ il-konvenuta ma hijiex sejra tibqa' mingħajr l-*airconditioners* għax rebħet kawża ta' spoll kontra *Bezzina Brothers Limited* biex l-*airconditioners* jintraddu lura. Tassew illi xorta jibqa' l-fatt illi l-kawża ta' spoll intrebħet biss għax *Bezzina Brothers Limited* ħadet il-liġi f'idejha flok inqdiet bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, u illi, ladabra ma huwiex kontestat illi *Bezzina Brothers Limited* baqgħet ma tħallsitx, għad għandha l-privileġġ li jagħtiha l-art. 2009(*d*) tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, sakemm l-*airconditioners* għadhom f'idejn il-konvenuta, jew jistgħu jinġiebu lura bis-saħħa tas-sentenza fil-kawża ta' spoll, il-konvenuta tkun qiegħda tistagħna bla mistħoqq jekk iżżomm l-*airconditioners* u fl-istess ħin tgawdi mit-tnaqqis tal-prezz tagħhom.

18. Għal din ir-raġuni t-tnaqqis magħmul mill-ewwel qorti ma huwiex tempestiv u l-appell ewlieni tal-attriċi, safejn qiegħed jintalab li mill-bilanċ ma jitnaqqasx il-prezz tal-*airconditioners*, għandu

jintlaqa'. Naturalment, fid-dawl ta' dak deċiż dwar l-appell inċidentali tal-konvenuta, it-talba tal-attriċi biex titħallas il-bilanċ kollu minnha mitlub fiċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża ma tistax tintlaqa'.

19. Il-bilanċ li għandha tagħti l-konvenuta lill-attriċi, għalhekk, jibqa' dak li fadal mill-prezz totali ta' tmenin elf lira (Lm80,000). Kif jidher mir-riċevuta tal-5 ta' Awwissu 1997[3] il-bilanċ huwa ta' ħamest elef, erba' mija u sebgħa u erbgħin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm5,447.86), jew tnax-il elf, sitt mija u disgħin euro u għaxar ċenteżmi (€12,690.10).

20. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell ewlieni tas-soċjetà attriċi u mill-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet il-kontro-talbiet tal-konvenuta u tħassarha fejn ikkundannat lill-konvenuta tħallas disgħa u erbgħin elf, disa' mija u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€49,990.97); minflok, tikkundanna lill-konvenuta tħallas tnax-il elf, sitt mija u disgħin euro u għaxar ċenteżmi (€12,690.10), flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali mis-27 ta' Novembru 1997. Biex ikun evitat kull dubju, qiegħed jiġi dikjarat illi dawn l-imgħaxijiet billi qegħdin jingħataw *officio iudicis* ma jintlaqtux bir-regola *ultra duplum*.

---

[3] *Fol.* 139 tal-proċess tal-ewwel qorti.

21. L-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu hekk:

    i. l-ispejjeż tal-kawża ewlenija jinqasmu hekk: ħames ishma minn sitta ($^{5}/_{6}$) tħallashom l-attriċi u sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) tħallsu l-konvenuta; u

    ii. l-ispejjeż tar-rikonvenzjoni tħallashom is-soċjetà konvenuta;

22. L-ispejjeż tal-appell ewlieni tħallashom is-soċjetà konvenuta waqt illi l-ispejjeż tal-appell inċidentali jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) tħallashom is-soċjetà attriċi u sehem minn erbgħa (¼) tħallsu s-soċjetà konvenuta.

23. Is-soċjetà intervenuta fil-kawża tħallas l-ispejjeż tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df